

*Waqt it-Translazzjoni mill-knisja tal-Qalb ta' Ġesù għall-Bażilika tkantat l-antifona tal-qaddisin martri. Jidhru Mons. Joseph Attard, Arċipriet tal-Knisja Katidrali mill-Parroċċa tan-Nadur (fuq ix-xellug ta' Mons. Isqof) u l-Kanċellier tal-Kurja, Mons. Salv Debrincat, mill-Parroċċa tal-Munxar.*



*Waqt iċ-ċelebrazzjoni fil-knisja Bażilika ta' San Pietru u San Pawl. Dun Giovanni Curmi, Segretarju Pastorali tad-Djoċesi u li hu mill-Parroċċa tal-Munxar, jidher iżomm il-ktieb quddiem Mons. Isqof Grech, waqt mument sabiħ tat-talba ta' l-Għasar.*



*Waqt iċ-ċerimonja tad-dawl. Mons Grech jidher jixgħel ix-xemgħa lill-Kappillan ta' Kerċem, il-Kanonku Brian Mejlak*

# L-Isqof Mario Grech jiftaħ is-Sena Pawlina fid-Djoċesi ta' Għawdex

**jirraporta Charles Spiteri**

Nhar is-Sibt 28 ta' Ġunju, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Mario Grech fetaħ uffiċjalment is-Sena Pawlina fid-Djoċesi ta' Għawdex. Iċ-ċelebrazzjoni tal-ftuħ tas-Sena Pawlina saret fil-Parroċċa Kolleġġjata Bażilika tan-Nadur, iddedikata lill-Appostli Pietru u Pawlu, li kienet qed tiċċelebra l-festa parrokkjali ad unur tal-qaddisin patruni. Din il-Knisja hi affiljata mal-Bażilika Papali ta' *San Paolo fuor le Mura*, fil-Belt ta' Ruma. Flimkien ma' l-Isqof issieħbu l-kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Bażilika, il-Kappillani, xi saċerdoti u reliġjużi, u diversi lajċi minn parroċċi Għawdxin, u speċjalment il-komunità parrokkjali tan-Nadur.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ftuħ tas-Sena Pawlina kien fiha erba' taqsimiet:

1. Il-Proklamazzjoni tas-Sena Pawlina u l-ftuħ simboliku tal-bieb tal-Bażilika:

2. It-Translazzjoni bir-relikwiji tal-qaddisin;

3. It-Talba ta' l-Ewwel Għasar tas-Solennità ta' San Pietru u San Pawl;

4. Il-Barka sagramentali.

Fl-ewwel parti taċ-ċelebrazzjoni Mons Isqof Grech mexxa mument qasir ta' talb fuq iz-zuntier tal-Bażilika, fejn stieden lill-ġemgħa miġbura biex tiftaħ qalbha għal Kristu u tilqa' s-Sena Pawlina bħala sena ta' grazzja u stedina biex l-insara tad-djoċesi jersqu iżjed lejn Kristu, fuq l-eżempju u bl-għajnuna ta' l-ittri li ħallielna l-Appostlu Missierna San Pawl. Imbagħad Mons Isqof fetaħ il-bieb tal-bażilika, sinjal simboliku ta' l-istedina li qed tagħmililna l-Knisja biex inħossuna u ngħixu l-fidi tagħna f'komunjoni ma' Kristu u bejnietna, bħala l-poplu ta' Alla, il-ġisem Mistiku ta' Kristu.

Wara Mons Isqof flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata, mal-Kappillani, u ma' xi saċerdoti mexxa t-Translazzjoni mill-knisja tal-Qalb ta' Ġesù għall-Bażilika, fejn tkantat l-antifona tal-qaddisin martri.

Mons Isqof Grech mexxa l-Għasar solenni, akkumpanjat mill-orkestra u l-kor ta' l-istess Bażilika, taħt id-direzzjoni tal-Kanonku Joseph Grech. Għall-okkażjoni tħejja librett bil-Latin u bil-Malti biex il-poplu jkun jista' jsegwi u jipparteċipa fit-talba ta' l-Għasar. Kif osserva Mons Isqof stess, dan kien mument sabiħ ta' ġabra u talb. Is-Salmi kienu introdotti minn spjegazzjoni qasira, u wara kull salm Mons Isqof qal talba qasira. Wara l-lezzjoni qasira, magħżula għall-okkażjoni mill-ewwel Ittra lill-Korintin (2,1-9), Mons Isqof għamel omelija fejn, f'rabta ma' l-Ittra Pastorali ta' l-Isqfijiet tagħna, hu fisser ix-xewqa tiegħu li matul din is-Sena Pawlina d-Djoċesi kollha titħejja biex tiċċelebra Missjoni Djoċesana, li għandha tkun il-qofol tal-ħidma pastorali matul is-sena pastorali li ħejja.

Fi tmiem l-omelija l-Kanċillier tal-Kurja, Mons Salv Debrincat qara d-Digriet ta' l-għoti ta' l-Indulġenza Plenarja fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina.

Mument b'tifsira qawwija kien x'ħin Mons Isqof xegħel xemgħa lil kull kappillan mid-dawl tal-blandun. Hu stieden lill-kappillani biex dan id-dawl jinżamm jixgħel f'kull knisja parrokkjali matul is-Sena Pawlina.

Id-dawl hu sinjal tal-fidi li ġabilna l-Appostlu San Pawl. L-Isqof stieden lill-kappillani biex, flimkien mal-komunitajiet parrokkjali, dan id-dawl iżommuh imkebbes bit-talb u bil-qari tal-Kelma t'Alla. Imbagħad saret l-istqarrija tal-fidi, u fi tmiemha l-Arċipriet tan-Nadur, Mons. Salvu Muscat, poġġa d-dawl li rċieva mingħand l-Isqof quddiem l-istatwa titulari ta' l-Appostli Pietru u Pawlu. It-talba ta' l-Għasar kompliet bilkant tal-*Magnificat* u bil-*Preċi*.

Fl-aħħar parti taċ-ċelebrazzjoni Mons Isqof mexxa mument ta' talb quddiem Ġesù Ewkaristija, b'talba partikulari għall-vokazzjonijet, u ta l-barka solenni. Fi tmiem iċ-ċerimonja, fost iċ-ċapċip ferrieħi tal-ġemgħa, Mons Isqof ippreżenta t-tliet djakni ġodda li kienu rċevew l-ordinazzjoni fil-jum ta' qabel fil-knisja Katidrali. Id-djakni l-ġodda huma Anthony Bajada, Joseph Curmi u Richard Nazzareno Farrugia, it-tlieta mill-parroċċa tax-Xagħra.



*Il-ftuħ simboliku tal-bieb tal-Bażilika minn Mons. Isqof Grech. Fuq ix-xelluq jidher Dun Giovanni Curmi, Segretarju Pastorali tad-Djoċesi.*



*Mons. Isqof Grech jidher imexxi mument qasir ta' talb fuq iz-zuntier tal-Bażilika.*


## Żewġ kotba dwar Dun Karm Psaila

**1. Ħsiebi bħal agħma: tieqa fuq ħsieb Dun Karm (Letteratura u filosofija)**

**2. l-Għarqa ta' San Pawl f'Malta**

*(Traduzzjoni tal-poeżija mit-Taljan Il Naufragio di San Paolo)*



*Dawn iż-żewġ kotba jinsabu għall-bejgħ minn*
***The Maltese Herald***
***PO Box 330***
***Merrylands***
***NSW 2160***
*Jew ċemplu*
**(02) 96379992**
**Prezz $5-il wieħed** *u żidu* **$3 għal posta**